**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 10 ta' Lulju, 2019**

**Rikors nru: 175/19 AGV**

AB

Vs

CD

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fis-16 ta' Mejju, 2019 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti tiddikjara illi l-partijiet fil-kawza *de quo* zzewwgu nhar l-20 ta' Marzu, 1999 (ara certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok.A).

2. Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel, bl-isem ta’ ED bl-eta’ ta’ 19-il sena.

3. Illi l-partijiet sseparaw permezz ta’ att pubbliku fl-atti tan-Nutar dottor Tonio Cauchi nhar il-21 ta’ Jannar, 2009 (ara kuntratt ta’ separazzjoni personali anness u mmarkat Dok.B) u fil-fatt ilhom ma jghixu flimkien minn din id-data.

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante li minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma’ persuni ohrajn.

5. Illi l-partijiet ma jivversaw l-ebda manteniment fil-konfront ta’ xulxin.

6. Illi l-intimat jivversa s-somma ta’ €140 fix-xahar bhala manteniment ghal ibnu l-minuri ED u ma jezistux pendenzi f’dan ir-rigward.

7. Illi l-partijiet m’ghandhom l-ebda proprjeta’ in komuni.

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta’ divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

a) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

b) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li l-intimat m'opponix ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet ilhom isseparati legalment skond kuntratt datat 21 ta' Jannar, 2009 fl-atti tan-Nutar Dr. Tonio Cauchi. Tikkonferma ukoll li dejjem thallas il-manteniment dovut skond il-kuntratt ta' separazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tippronunzja il-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fl-20 ta' Marzu, 1999 bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**